



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għas-Sajd

2011/0177(APP)

20.9.2012

OPINJONI

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju
multiannwali għas-snin 2014-2020
(COM(2011)0398 – C7-0000/2012 – 2011/0177(APP))

Rapporteur għal opinjoni: João Ferreira

PA_Legapp

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

Evalwazzjoni ġenerali

A. Jenfasizza li l-qafas finanzjarji multiannwali (QFM) propost għall-perjodu 2014-2020 huwa żgħir, fil-fatt l-ammont huwa inqas minn dak tal-QFM attwali 2007-2013; jemmen li l-kriżi m'għandhiex isservi ta' skuża għal tnaqqis fil-baġit tal-Unjoni, anzi, hu saħansitra aktar neċessarju li jkollna għad-dispożizzjoni tagħna baġit solidu u sostanzjalment imsaħħa, li jippermetti li jintlaħqu l-oġettivi politiċi tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-appoġġ lit-tkabbir u lill-impjiegi u l-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-koeżjoni ekonomika u soċjali fil-qafas tal-istrateġija UE 2020; jitlob, għaldaqstant, li l-Kunsill jimmodifika f'dan is-sens il-proposta tal-QFM 2014-2020 ippreżentat mill-Kummissjoni;

Kwestjonijiet ġenerali marbuta mas-settur tas-sajd

- B. Ifakkar li r-riżorsi tas-sajd huma beni pubbliċi vitali għas-sigurtà tal-ikel fil-livell globali; jindika li s-settur tas-sajd u l-akkwakultura u l-attivitajiet relatati ta' spiss huma s-sors ewlieni ta' għajxien u ta' impjiegi sostenibbli fir-reġjuni kostali, reġjuni gżejjer u reġjuni periferiċi; jenfasizza li l-politika komuni tas-sajd (PKS) riformata għandha ssegwi oġettivi soċjali, ekonomiċi u ambjentali, li jgħaddu minn konservazzjoni u ġestjoni xierqa tar-riżorsi tas-sajd kif ukoll mill-ġlieda kontra t-tnaqqis ekonomiku u soċjali li qed jolqot għadd kbir ta' komunitajiet tal-kosta, filwaqt li tistimula l-impjiegi, ittejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-popolazzjonijiet lokali u tagħti attenzjoni partikolari lis-settur tas-sajd ta' skala żgħira, ħwejjeġ li jesigū riżorsi finanzjarji suffiċjenti wara l-2013; jirrikonoxxi li hemm bżonn aktar koordinament mal-politika ta' koeżjoni;
- C. Jinnota li l-QFM 2014-2020 propost fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni 'Baġit għall-Ewropa 2020' jipprevedi allokkazzjoni indikattiva totali ta' EUR 6.685 biljun għas-sajd u kwistjonijiet marittimi fi prezzijiet kostanti 2011 (FEMS, miżuri tas-suq inklużi l-FPAs u l-RFMOs), jiġifieri medja annwali ta' EUR 955. Għall-2013, li hija l-aħħar sena tal-QFM attwali, din l-allokkazzjoni hija ta' EUR 984 miljun; jenfasizza, bi tħassib, li l-ammonti previsti għal kull sena koperta fil-QFM 2014-2020 huma iċken mill-ammont previst għall-2013 fil-QFM attwali; ifakkar li l-Parlament, fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011¹ bit-titolu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali Ġdid (QFM) għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva", wera x-xewqa li l-livell ta' riżorsi allokat għall-MFF li jmiss jiżdied b'ta' mill-inqas 5 % meta mqabbel mal-livell tal-2013;
- D. Jindika li ċerti oġettivi proposti mill-Kummissjoni jesigū riżorsi finanzjarji msaħħa, li mingħajrhom it-twettiq tagħhom jista' jkun kompromess; ifakkar li l-oġettivi tal-Kummissjoni jinkludu partikolarment l-għeluq tad-distakk fl-innovazzjoni bejn is-sajd u setturi oħra tal-ekonomija, il-promozzjoni tat-tranżizzjoni lejn settur tas-sajd b'impatt limitat billi jitwaqqaf ir-rimi fil-baħar u billi jitnaqqas l-impatt fuq l-ekosistemi tal-baħar, l-iżgurar tal-vijabbiltà tal-komunitajiet li jiddependu fuq is-sajd kostali kif ukoll il-

¹ P7_TA(2011)0266.

promozzjoni tad-diversifikazzjoni;

- E. Jenfasizza l-fatt li, bħal fil-każ tas-settur tal-agrikoltura, is-settur tas-sajd jinvolve livell ta' vulnerabilità akbar fil-konfront tal-kriżijiet; jirrakkomanda, għalhekk, bħal fil-każ tas-settur agrikolu, il-ħolqien ta' mekkaniżmi ta' appoġġ speċifiċi li jistgħu jintużaw f'każijiet urġenti bħal diżastri naturali, waqfien obbligatorju ta' ċerti attivitajiet minħabba pjanijiet ta' rikostituzzjoni tal-istokkijiet jew restrizzjonijiet f'salt fl-aċċess għall-fatturi ta' produzzjoni essenzjali, fosthom;
- F. Itenni li minħabba l-fatt li s-sajd għandu elementi ta' irregolarità, minħabba diversi fatturi fosthom limitazzjonijiet naturali inkontestabbli, jeħtieġ jitkompla l-finanzjament pubbliku, nazzjonali u Komunitarju adegwat għal dan is-settur;

Kwistjonijiet relatati mal-Fondi Strutturali, b'mod partikolari l-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS)

- G. Jemmen li l-qafas strateġiku komuni li għandu japplika għall-fondi ta' ġestjoni komuni, b'mod partikolari l-FEMS ġejjieni, għandu jqis id-diversità tal-oġġettivi ta' dawn l-istrumenti ta' finanzjament; ifakkar li l-FEMS huwa fond ta' appoġġ settorjali li l-attribuzzjoni tiegħu m'għandhiex tiddependi biss mill-istatus ekonomiku taż-żona ġeografika li fiha jkun jopera d-destinatarju tagħha;
- H. jirrifjuta l-possibilità li jinħolqu u/jew jissaħħu r-regoli ta' kundizzjonalità makroekonomika għall-użu tal-fondi Ewropej; jemmen li l-pajjiżi li jiffaċċaw l-akbar problemi finanzjarji u li l-ekonomija tagħhom hi l-aktar fraġli m'għandhomx ikunu penalizzati d-doppju billi jiġi ristrett l-aċċess tagħhom għall-fondi essenzjali biex jirkupraw u jiżviluppaw, għax dan jolqot negattivament il-prinċipju tal-koeżjoni;
- I. Jenfasizza l-importanza tal-FEMS tul il-perjodu 2014-2020, minħabba li dawn il-fondi se jkun l-istrument ewlieni ta' finanzjament tal-PKS tal-ġejjieni; jindika li l-oġġettivi, il-politiki u l-prijoritajiet il-ġodda li se jkollhom impatt fuq l-ambjent marittimu għandhom jingħataw mezz finanzjarji adegwati; jiċħad l-idea li l-finanzjament tal-oġġettivi, il-politiki u l-prijoritajiet il-ġodda, bħall-politika marittima integrata, isir għad-detriment tal-finanzjament meħtieġ għall-politika tas-sajd;
- J. Jitlob li jiġi simplikat l-aċċess għall-fondi ta' ġestjoni maqsuma, b'mod partikolari l-FEMS, biex ikun faċilitat il-kompitu tal-benefiċjarji u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u ffavorizzat l-użu integrali tal-fondi disponibbli; hu tal-fehma li jaqbel li jingħataw prijorità l-proġetti li joffru soluzzjonijiet integrati, li jaġevolaw lill-komunitajiet kostali kollha, b'aktar mod wiesa' possibbli, aktar milli dawk li jaġevolaw biss lil għadd żgħir ta' operaturi;
- K. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar it-tneħħija eventwali ta' strumenti pubbliċi ta' regolamentazzjoni fis-suq tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura; jitlob li jissaħħaħ il-kontribut tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS) għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura biex jiġu żgurati rendiment aħjar fis-settur, l-istabilità tas-swieq, titjib tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u żieda fil-valur miżjud tiegħu, jiġifieri l-OKS se jkollha bżonn tingħata l-mezz finanzjarji meħtieġa għal dan il-għan;

- L. Jirrakkomanda li jiġu kkoordinati l-istrumenti eżistenti, b'mod partikulari mil-lat finanzjarju, biex joffri risposta għall-problemi speċifiċi ta' dan is-settur u tal-komunitajiet kostali l-aktar dipendenti minnu; Jenfasizza li r-riċerka xjentifika fil-qasam tas-sajd hi għodda essenzjali għall-ġestjoni tajba tas-settur, li hi indispensabbli biex ikunu magħrufa l-fatturi li jikkundizzjonaw l-evoluzzjoni tar-riżorsi tas-sajd, issir evalwazzjoni kwantitattiva tagħhom u jiġu żviluppati mudelli li jagħtu lok li tkun prevista l-evoluzzjoni tagħhom, u biex jitjiebu l-irkaptu u l-bastimenti tas-sajd kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sigurtà tas-sajjieda; jitlob li jissaħħaħ il-finanzjament tar-riċerka relatata mas-sajd fil-qasam ambjentali, soċjali u ekonomiku;
- N. Iqis li hu indispensabbli li jitjiebu l-ġbir, it-trattament u d-disponibilità tad-data bijoloġika b'mod li jkunu garantiti politika u ġestjoni imsejsa verament fuq l-għarfien; jemmen li jeħtieġ li jikber l-intervent tal-Unjoni f'dan il-qasam, billi r-rata ta' kofinanzjament massimu awtorizzat attwali ta' 50% tiżdied għal mill-inqas 75%;
- O. Iqis li l-waġfiet fl-attivitajiet tas-sajd huma mezz importanti u effikaċi ta' konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd, u strument essenzjali għal ġestjoni sostenibbli ta' ċerti żoni tas-sajd; jagħraf li l-perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku, f'ċerti fażijiet kritiċi tal-ħajja tal-ispeċijiet, jagħti lok għal evoluzzjoni tar-riżorsi kompatibbli mat-tkomplija tal-attività tas-sajd barra mill-perjodu ta' mistrieħ; jitlob, f'dan ir-rigward, li tiġi prevista l-possibilità ta' kumpens finanzjarju għas-sajjieda waqt il-perjodi ta' nuqqas ta' attività;
- P. Jenfasizza li l-istat attwali tal-iżvilupp tal-akkwakultura fl-Ewropa jimponi żieda fl-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp f'dan il-qasam, li jippermetti l-isfruttament sħiħ tal-potenzjal tas-settur u, fl-istess ħin, jikkumbatti kontra xi wħud mil-limitazzjonijiet tiegħu, filwaqt li jikkontribwixxi għas-sostenibilità tiegħu;

Reġjuni l-aktar imbiegħda

- Q. Jinsisti fuq l-importanza tas-settur tas-sajd għas-sitwazzjoni soċjoekonomika, l-impjiegi u l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, ikkaratterizzati minn ekonomija li għandha limitazzjonijiet strutturali permanenti u bi ftit lok għal diversifikazzjoni; jitlob li jitkoplew u jissaħħu l-għajnuniet Komunitarji fis-settur tas-sajd f'dawn ir-reġjuni, b'mod partikulari permezz tal-programm ta' kumpens għall-ispejjeż żejda kkawżati mill-pożizzjoni mbiegħda tagħhom, għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti speċifiċi tas-sajd ta' wħud mir-reġjuni ultraperiferiċi ("Sajd POSEI"); jemmen li dan il-programm m'għandux ikollu limitazzjonijiet taż-żmien, għax il-pożizzjoni mbiegħda hija fattur permanenti; jiddeplora t-tnaqqis qawwi fil-finanzjament globali previst għal dawn ir-reġjuni fil-proposta tal-QFM 2014-2020, meta fl-istess ħin il-għadd ta' reġjuni ultraperiferiċi rikonoxxuti mill-Unjoni Ewropea mistenni jikber fis-snin li ġejjin, u jesiġi li dawn il-fondi jiżdiedu;

Abbozz ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda

- R. Jitlob li l-ftehim interistituzzjonali jkun jipprevedi l-parteċipazzjoni sħiħa tal-PE fiċ-ċiklu tan-negożjati ta' ftehimiet internazzjonali fil-qasam tas-sajd; jitlob li r-rappreżentanti tal-PE jkunu jistgħu jipparteċipaw, bħala osservaturi u fuq livell indaqs mar-rappreżentanti

tal-Istati Membri, għall-fażijiet kollha tan-negozjati, filwaqt li jitqiesu l-kompetenzi tal-Parlament fir-rigward tal-ftehimiet tas-sajd;

Kwestjonijiet relatati mad-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd

- S. Jesprimi t-tħassib tiegħu dwar in-nuqqas ta' effikaċja tal-ftehimiet ta' sħubija fil-qasam tas-sajd u f'dak li jirrigwarda l-appoġġ settorjali għal pajjiżi terzi; jenfasizza li, skont id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, il-fondi allokatu għall-appoġġ settorjali huma f'tit wisq f'valuri assoluti biex jipproduċu riżultati; iqis, għaldaqstant, li hemm lok li jittieħdu miżuri biex tinbidel din is-sitwazzjoni, billi titjeb ukoll l-effikaċja tal-appoġġ settorjali u billi jkun promoss assorbiment aqwa ta' dawn il-fondi fil-pajjiżi terzi.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	11.7.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Antonello Antinoro, Kriton Arsenis, Alain Cadec, Chris Davies, João Ferreira, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Marek Józef Gróbarczyk, Ian Hudghton, Iliana Malinova Iotova, Werner Kuhn, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Guido Milana, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Paul Besset, Izaskun Bilbao Barandica, Diane Dodds, Barbara Matera, Nikolaos Salavrakos